DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/580

tat-12 ta' April 2018

li taħtar tliet membri tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 11.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.3 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 11.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal- Bank Ċentrali Ewropew:

— Mário CENTENO, Ministru tal-Finanzi tal-Portugall;

— Peter KAŽIMÍR, Ministru tal-Finanzi tas-Slovakkja;

— Edward SCICLUNA, Ministru tal-Finanzi ta' Malta.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' April 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

T. DONCHEV